| ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI<br>Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning<br>It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv<br>**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012** | **IL-LIVELLI**<br><br>**5-6-7-8** |
|---|---|

## L-EWWEL SENA    L-ISTUDJI SOĊJALI    IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem: ______________________________    Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' Taqsimiet. Wieġeb it-taqsimiet KOLLHA. Il-marki jidhru bejn il-parentesi jew fl-aħħar ta' kull taqsima.**

**Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha li ġejjin.**

1. Id-dritt għall-e__________________ hu wieħed mid-drittijiet bażiċi li permezz tiegħu persuna titgħallem ħafna affarijiet ġodda.
2. Meta naħdem fi __________________ jaqbilli għax b'hekk inkunu qed naqsmu l-opinjonijiet u dak li nafu flimkien.
3. F'soċjetà demokratika huwa importanti ħafna li nuru r_________________ lejn ħaddieħor.
4. Fil-f_________________, bħal f'kull grupp soċjali ieħor, huwa importanti li naqsmu l-kapaċitajiet u ngħinu lil xulxin.
5. Aħna lkoll studenti differenti u b'i________________________ unika tagħna.
6. Fil-grupp mhux dejjem tgħaddi tiegħi, iżda rrid nagħti ċ_________________ lil ħaddieħor ukoll.
7. Ir-raħal tagħna hu uniku. Semmi ħaġa **WAĦDA** li tagħmel ir-raħal tiegħek differenti minn irħula oħra.

   ________________________________________________________________________

8. Għalkemm għandha kulur tal-ġilda differenti, persuna li sabet kenn f'Malta għax kellha taħrab minn pajjiżha, xorta għandha l-istess dmirijiet u _________________ tiegħi.
9. Fisser x'inhi diversità.

   ________________________________________________________________________

10. Huwa importanti li bħala (konsumatur, ċittadin, persuna, student) inkun responsabbli u ma naqbadx u nixtri dak kollu li jfettilli. (*immarka t-tweġiba t-tajba*)

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima B: Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B, billi tikteb in-numru fl-ispazju vojt bħal fl-eżempju numru 1.**

| KOLONNA A | NUMRU | KOLONNA B |
|---|---|---|
| Ir-reklami jinfluwenzaw lil | | 1. differenti mill-oħrajn u fl-istess ħin uniku. |
| Fejn hemm id-demokrazija | | 2. jipprovdu l-għajxien lit-tfal u s-sigurtà lill-membri kollha. |
| Kull grupp għandu elementi li jagħmluh | **1** | 3. kulħadd irid ikollu ċans jesprimi ruħu. |
| Fi grupp hu importanti li | | 4. teżisti l-ugwaljanza u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem. |
| Identità hi | | 5. dak kollu li jagħmlek dak li int. |
| Fil-familja, l-adulti jaraw li | | 6. jiskopru u jużaw it-talenti tagħhom u jakkwistaw ċertifikati għall-futur. |
| L-iskejjel għandhom il-funzjoni li jgħallmu l-istudenti | | 7. nikkomunikaw u nkunu lesti nibdlu l-opinjoni tagħna. |
| Il-*peer group* hu dak il-grupp | | 8. magħmul minn persuni tal-età tiegħek li jinfluwenzawk fid-deċiżjonijiet tiegħek. |
| Biex fil-klassi jkun hemm ambjent demokratiku | | 9. bosta klijenti biex jixtru prodott partikolari. |
| Il-bażi tad-demokrazija kif nafuha aħna | | 10. drittijiet u dmirijiet. |
| Meta tgħix f'pajjiż demokratiku għandek kemm | | 11. bdiet fi żmien il-Griegi. |

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima C. Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. Il-flus li għandi, importanti li
   a. nużahom sew u mhux naħlihom
   b. nużahom kif irrid għax dawk tiegħi
   c. l-ġenituri ma jindaħlulix kif nużahom.

2. Ir-raħal tiegħi
   a. hu differenti kompletament minn irħula oħra
   b. hu bħall-irħula l-oħra għax l-irħula huma kollha l-istess
   c. għandu xi elementi bħal ta' rħula oħra u oħrajn differenti minnhom.

3. Persuna li ħarbet minn pajjiżha minħabba l-gwerra, għandu jkollha drittijiet u dmirijiet
   a. inqas mill-Maltin u l-Għawdxin
   b. daqs il-Maltin u l-Għawdxin
   c. aktar mill-Maltin u l-Għawdxin.

4. Mara u raġel huma fiżikament differenti
   a. għalhekk il-mara mhux sew li toħroġ taħdem la x-xogħol jista' jagħmlu r-raġel
   b. għalhekk ir-raġel mhux sew li joqgħod id-dar
   c. iżda xorta jistgħu jagħmlu l-istess xogħol.

5. Il-bażi tad-demokrazija hi r-rispett lejn
   a. il-flus u l-proprjetà
   b. il-poter
   c. id-dinjità tal-bniedem.

6. Fil-grupp tal-ħbieb tal-iskola huwa importanti li nirrispettaw lil xulxin biex b'hekk
   a. kull persuna tħossha parti mill-grupp
   b. inpartu l-*homework* u niffrankaw ix-xogħol
   c. ma niġux ikkastigati.

7. F'Malta d-demokrazija u s-sistema tat-tmexxija
   a. hija dejjem l-istess
   b. inbidlet maż-żmien
   c. inbidlet biex il-kbarat ikunu aktar komdi.

8. *Laptop*, mowbajl u flixkun
   a. huma servizzi
   b. huma prodotti
   c. la huma servizzi u lanqas prodotti.

9. Viżta għand it-tabib, lezzjoni tal-privat għand għalliem, tħallas persuna biex tgħinek tnaddaf ...
   a. huma servizzi
   b. huma prodotti
   c. la huma servizzi u lanqas prodotti.

10. Biex persuna sserviha l-paga
    a. tara li ma tonfoq xejn
    b. tara li tixtri kollox
    c. tara li ssib bilanċ bejn dak li għandha bżonn u kemm għandha flus.

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima D: Agħżel jekk hux VERU jew FALZ billi taqta' sing taħtha u wara għid għaliex.**

1. Minn fost l-affarijiet li nixtri hemm prodotti li mhux dejjem ikolli bżonn, iżda li nkun nixtieqhom. **VERU / FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________

   ______________________________________________

2. Mhux sew li sħabi jkollhom opinjoni differenti, għalhekk meta ma naqblux niġġieldu.
   **VERU / FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________

   ______________________________________________

3. Il-libertà hi kemm dritt kif ukoll dmir. **VERU / FALZ**
**Għaliex?**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Kull soċjetà madwar id-dinja tagħti d-dritt lit-tfal li jmorru l-iskola. **VERU / FALZ**
**Għaliex?**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Meta nitkellmu fuq id-dritt għall-edukazzjoni nkunu qed nirreferu għad-dritt li persuna titgħallem biex tkun tista' tavvanza fil-ħajja soċjali. **VERU / FALZ**
**Għaliex?**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(2 marki x 5 = 10 marki)**

**Taqsima E: Aqra dawn is-sitwazzjonijiet sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom. Kull mistoqsija għandha erba' marki.**

1. Kontra dak li kien jiġri qabel, illum l-opinjoni tal-istudenti u tat-tfal fil-familja qed tinstema'. Semmi **ŻEWĠ** eżempji pożittivi ta' demokrazija fl-iskola u **TNEJN** oħra fid-dar jew fil-familji tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. F'kull soċjetà hemm bżonn ta' xulxin. Meta nużaw it-talenti tagħna nkunu qed nitgħallmu aktar dwar il-kapaċitajiet tagħna lkoll. Ikteb dwar **ŻEWĠ** talenti li għandek u kif tista' tużahom biex tagħmel il-ġid.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Kevin huwa student tamparek. Jaf li għandu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Iżda kull dritt iġorr miegħu dmir. Spjega **ŻEWĠ** drittijiet li Kevin għandu fil-klassi u liema **ŻEWĠ** dmirijiet huma marbuta magħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. John qed imur jixtri biex jgħin lil ommu. Bħala konsumatur responsabbli kif jista' jieħu ħsieb l-ambjent meta jmur jixtri prodott jew servizz?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Jessica qed tgħix f'raħal tipiku Malti. Semmi **ERBA'** benefiċċji li joħorġu meta persuna tgħix f'komunità.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**20 marka**

**Taqsima F: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

"Għadni lanqas biss ftaħt għajnejja li ma bdejtx nisma' lil ommi tgħajjatli b'ħanġra daqsiex. Għall-ewwel darba f'ħajti ma ridtx immur l-iskola. Bdejt nhewden u naħseb f'kull skuża li stajt insib biex nibqa' d-dar, iżda ommi ta' ġurdiena xiħa li hi, xammitni u mill-ewwel ikkonvinċietni biex nipprepara ħalli mmorru l-iskola.

L-iskola dejjem għallmuni dwar l-importanza li nsemmgħu leħinna u nuru l-opinjoni tagħna. Għallmuna nkunu kburin b'dak li aħna u b'dak li nemmnu fih. Kulħadd għandu jirrispetta l-opinjoni tagħna, hekk kif aħna nirrispettaw ta' ħaddieħor. Iżda tgħid ilbieraħ sħabi raw it-televixin? Ma domtx ma ħadtha t-tweġiba, għax malli nżilt mill-karozza t'ommi nisma' leħen xi ħadd jgħidli: "x'sitta qlajtu lbieraħ fid-*derby*!" ... u għaddejt ġurnata sħiħa jfakkruni li t-tim favorit tiegħi tilef sitta b'wieħed... u saħansitra l-għalliem tal-Istudji Soċjali għamel minn kollox biex ifakkarni fit-telfa!"

1. Min kiteb din is-silta qiegħed fil-livell (primarju, sekondarju, terzjarju) tal-edukazzjoni? (**agħżel waħda biss**)

______________________________________________ (1)

2. Tista' tgħid jekk l-awtur jew awtriċi ta' din is-silta hux tifel, tifla jew m'hemmx biżżejjed informazzjoni biex tikkummenta? Agħti raġuni għar-risposta tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Semmi **TLIET** gruppi soċjali li jissemmew f'din is-silta.

______________________________________________

______________________________________________ (3)

4. X'inhi d-differenza bejn **sess** u **ġeneru**?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

5. Xi tfisser **differenza etnika**?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (3)

6. Li jkun hemm kollaborazzjoni hi mixtieqa f'soċjetà bħal dik ta' Malta. Taqbel? Spjega wkoll xi tfisser il-kelma **kollaborazzjoni**.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (4)

7. Fil-fehma tiegħek l-aħħar sentenza tas-silta turi nuqqas ta' rispett min-naħa tal-għalliem? Agħti **TLIET** raġunijiet.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (3)

8. Fil-ħajja għandek bżonn il-ħbieb. Taqbel? Wieġeb billi tagħti **ŻEWĠ** raġunijiet.

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

**20 marka**

**Taqsima G: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 170 kelma dwarha:**

1. "Fil-gruppi soċjali jien għandi rwoli differenti. Dawn il-gruppi jgħinuna nissoċjalizzaw, fost l-oħrajn."
   Iddiskuti r-rwoli fil-gruppi soċjali li inti tagħmel parti minnhom.

2. X'benefiċċji jgawdi ċ-ċittadin f'demokrazija? Iddiskuti.

3. Spjega d-differenza bejn **prodott** u **servizz** u kif dawn jistgħu jintużaw b'mod għaqli.

**20 marka**

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**Total: 100 marka**